# FUQ IT-TABOR

Mill-ibgħad żmenijiet dejjem ingħad li t-Tisbiħ ta' Ġesù jew Trasfigurazzjoni, ġrat fuq it-Tabor, li hu Ġebel għoli (1,986 xiber fuq wiċċ il-baħar Mediterran) qrib Nazaret, fil-Galilija. Origenes, għall-ħabta tas-sena 248 kiteb hekk: "It-Tabor huwa ġebel għoli fil-Galilija, li fuqu ssebbaħ Ġesù (ara: **Enchiridion Locorum Sanctorum,** faċċata 319) u hekk kitbu għadd ta' kittieba oħra minnu lura. Imma wara żmien twil kien hemm min deherlu li l-ġrajja ġrat fuq Ġebel ix-Xiħ, jew il-Muntanja tal-Hermon, fis-Surija. Hawn se naraw, fil-qasir kemm jista' jkun, li Ġesù ssebbaħ fuq it-Tabor, kif ingħad mill-bidu, m'hux fuq il-Hermon, kif ingħad minn ftit taż-żmien 'l hawn.

Fl-antik il-fehma ta' l-Insara kienet li Ġesù dam ixandar l-Aħbar it-Tajba, jew Evanġelju, sena biss (ara fuq hekk il-ktieb ta' Patri Edmund Sutcliffe: "The One Year Theory") minn Għid il-Kbir sa Għid il-Kbir tas-sena ta' wara. Ċar ħafna fuq hekk huwa l-kliem ta' Ewsebju ta' Kajsarija: "Tres Evangelistae ea sola scriptis prosecuti sunt qua a Servatore UNO ANNO gerebantur" (Historia, De Evangelio, c. xviii); jiġifieri: "It-tliet Evanġelisti kitbu biss dak li l-Ħellies għamel **żmien sena**". U fl-Evanġelji Sinottiċi hemm saħansitra l-egħlimiet ta' l-istaġuni ta' sena waħda, wara xulxin. Il-ward u l-għasafar (Matt. VI, 28) juru r-Rebbiegħa. Is-sawma (Matt. IX, 14) tiġi f'Mejju. Il-ħsad (Matt. IX, 37) u s-sbul (Matt. XII, 1-9) f'Ġunju. Iż-żriegħ tad-dora (qarabocċ) u s-sikrana (Matt. XIII, 3 u XIII, 27) żmien wieħed: is-sajf. It-tkattir tal-ħobż (Matt. XIV, 15) li juri nuqqas ta' xi ħaġa ta' l-ikel fir-raba, l-aħħar tal-Ħarifa. Is-sema jħammar (Matt. XVI, 1) bidu tax-xitwa.

Wara dan ma hemmx egħliema aktar. L-ewwel egħliem jiġi fil-bidu tar-Rebbiegħa tas-sena ta' wara, meta Ġesù jaħseb biex jitla' għal Għid il-Kbir Ġerusalem (Matt. XVI, 21).

Hawn aħna se nqisu, bħal ma jqisu ħafna nies, fosthom il-għaref Pere Joseph-Marie Lagrange O.P., li ż-żewġ tkattiriet tal-ħobż f'San Mattew u San Mark, huma ġrajja waħda miktuba darbtejn (San Luqa waħda kiteb). Għal hekk dak li hemm miktub wara t-tieni tkattira, inqisuh ġara wara l-ewwel, u vice versa.

Mela, wara t-tkattir tal-ħobż, u wara li semma li l-ħmura tas-sema fil-għodu turi li tkun ġejja x-xita, Ġesù rħielha lejn il-Feniċja, in-naħa ta' Sur u Sajda (Mark, VII. Matt. XV). Issa hemm għidut qadim isemmih xi wieħed mis-Santi Padri, li Ġesù minn Sur jew Sajda qabad mirkeb u siefer lejn Ċipru, u qagħad hemm għal xi żmien (ara Mons. Bougaud: "Il Cristianesimo", faċċata 353).

Din il-ġrajja, għalkemm ma hix imniżżla fl-Evanġelju (u jalla din il-ġrajja biss ma hix imniżżla fl-Evanġelju!) aktarx li hi minnha. Għax billi n-nies kienet inkormot għal Ġesù, u billi kienu jinġabru ma' dwaru bl-eluf, u għal hekk, biex ma jagħlaqx it-toroq ta' l-ibliet kien ikollu jeħodhom fil-barr, ma kenitx tkun ħaġa li taqbel li fix-xitwa jħallihom jinġabru barra mill-imgħammar, fejn tista' taqbadhom ix-xita u ma jkollhomx fejn jiskennu. Min jaqra jaf, għax aktar minn darba ssemmew, saħansitra fil-gazzetti ta' Malta, kemm fuq il-Baħar ta' Tabarija, li finnħawi tiegħu kien igħallem Ġesù iħobbu jagħmlu dawk il-"cloudbursts", jiġifieri xita ħoxna u sfiqa, li aħna hawn Malta ngħidulha "ferħ ta' diluvju". U

għad li din is-safra ma hix imsemmija fl-Evanġelju, hemm il-wiri tagħha, kif għidna qabel, fin-nuqqas tal-egħlimiet.

Mela, hemm probabilità, li Ġesù, qabel ma ħadet ix-xitwa, siefer u nġabar Ċipru. Qabel ma telaq, ftiehem mat-tliet Appostli fuq fejn kellhom jiltaqgħu miegħu għal ħabta ta' l-aħħar tal-qamar ta' Adar. Il-belt li kellhom jiltaqgħu fiha kienet Kajsarija **Filisti,** f'xatt il-baħar, mhux Kajsarija **Filippi,** f'nofs l-art, fl-Iturija, kif issa hemm miktub.

Li Ġesù meta ltaqa' ma' l-Appostli kien ilu ħafna magħżul minnhom, jidher ċar mill-mistoqsija li saqsiehom: "X'inhuma jgħidu n-nies għalija?" Għax kieku kien magħhom, din il-mistoqsija ma kienx isaqsihielhom, la darba kienu flimkien, u dak li semgħu huma kien ikun semgħu huwa wkoll. U li dak il-ħin kienu qrib Kajsarija **Filisti** (mhux **Filippi)** jidher mill-kliem li Ġesù qal lil San Pietru: "Int Kafa, u fuq dil-Kafa nibni knisti, u qawwiet l-egħmiq ma jistgħux għaliha", kif sa naraw hawnhekk.

Taħt djul Ġebel Karmel, hemm belt jisimha Kajfa, isem li hu t-tiżgħir, jew diminutiv, ta' Kafa. Is-sinsla tal-Karmel, twila ħmistaxer mil u wiesgħa minn tlieta sa ħamsa, fejn tinsab il-belt ta' Kajfa, fl-antik kien jisimha Kafa wkoll. Kienu jgħidulha hekk għax merfugħa 'l fuq f'xifer il-baħar, qisha **keffa,** kif kieku ngħidu aħna l-Maltin, u tilqa' r-riħ minn fuq il-wetgħa ta' Esdrelon, kif jista' jara malajr min iħares lejn xi mappa tal-Palestina. Issa, Kajsarija Filisti qegħda qrib ħafna minn Ġebel Kafa. Mela, hu għal kollox naturali li meta Ġesù qal lil San Pietru "Int Kafa", urieh b'idu ras il-Karmel, għolja u sultanija fuq il-baħar. Ried ifissirlu Ġesù: "Int bħal muntanja ta' Kafa; int bħal dik il-blata għolja; fuqek nibni d-dar tiegħi. U bħal ma ebda mewġ, ikun kbir kemm ikun, ma jilħaq dik il-quċċata, hekk ukoll ebda qawwa tal-għadu ma ġġarraf knisti, mibnija fuq il-wemma u l-imħabba tiegħek!"

Imma kif inhi li issa fl-Evangelju hemm miktub Kajsarija **Filippi,** m'hux **Filisti,** kif kellu jkun?

Ħaġa żgħira ħafna. Fl-antik ma kienx hawn imtiebagħ, jew stamparijiet. In-nies kienu jiktbu kollox u dejjem b'idejhom. Il-"p" bil-Grieg, hija, biex ngħidu hekk, għamla ta' banketta, bit-truf tas-saqajn milwija 'l fuq. L-"s", f'nofs il-kelma hi għamla ta' "6", u t-"t" bħal tagħna imma mingħajr ras. Jekk bil-Grieg tikteb "st" qrib wisq lejn xulxin, jiġu qishom "p". U donnu li dan ġara. Xi ħadd kiteb "st" qrib wisq lejn xulxin fil-kelma Griega **Philistoy,** u ħadd ieħor hu u jikkopja, qraha **Philipoy.** U billi ħaseb li kienet miktuba ħażin, żedilha "p" oħra u saret **Philippoy,** kif naqrawha l-lum. Żbalji bħal dawn fl-antik kienu jsiru bħalli kieku xejn.

Għal hekk, il-għidud improbabbli, biex ma ngħidx impossibbli, li Ġesù jitla' mat-tliet Appostli jgħaddi l-lejl fuq il-Hermon, ġebel għoli disat-elef u seba'-mitt (9,700) xiber, u miksi bis-silġ u mgħammar bil-lpup u l-orsijiet, meta tara kemm hi ħaġa ħafifa li kelma tittieħed b'oħra, tisfa' qisha fix-xejn.

Għeliema oħra li Ġesù fix-xitwa siefer, hi li San Luqa, wara t-tkattir tal-ħobż (li hu kiteb li ġara darba, m'hux darbtejn), qabeż fl-istqarrija ta' San Pietru. Jiġifieri: ħalla barra jew semma naħa oħra dawk l-episodji li hemm imsemmija f'San Mattew u San Mark. Magħruf li San Luqa hu u jikteb l-Evanġelju tiegħu, kellu quddiemuż-żewġ kotba l-oħra, ta' San Mattew u San Mark. Mela, tgħid, għal fejn għamlu dan?

Dan għamlu, aktarx, għax wara t-tkattir tal-ħobż, f'San Mattew u San

Mark, hemm taħwida, bħal ma kull ħadd jista' jara b'għajnejh. Hemm it-tkattir tal-ħobż miktub it-tieni darba; hemm f'San Mark il-grajjiet tat-truxmutu u tal-agħma, miktuba qishom kelma b'kelma bħal xulxin (qabbilhom ftit, Mark VII, 32-36, u VIII, 22-26); hemm f'San Mark ukoll il-vjaġġ impossibbli ta' Ġesù, li kien f'Sur u biex imur il-baħar tal-Galilija, għadda minn Sajda u qasam il-ħdud (jiġifieri l-limti) tad-Dekapli (Mark VII, 31) li kienu għaxart ibliet bgħid ħafna minn xulxin (waħda Damasku, fis-Surija, qrib il-Hermon, u oħra, Għamman, jew Filadelfja, qrib il-Baħar il-Mejjet, (ara xi mappa tal-Palestina). Jekk Ġesù ried imur il-Baħar ta' Tabarija, għal fejn biegħed it-triq qisu għal tminn darbiet? U inti, meta mill-Belt tkun trid tmur Bormla tmur tgħaddi mir-Rabat, jew Ħad-Dingli? Imma l-kelma "Dekapli" f'dan il-vers ta' San Mark (għax San Mattew ma jsemmihiex), tiswa. Tiswa biex issaħħaħ it-Tradizzjoni l-ewlenija li Ġesù ssebbaħ fuq it-Tabor.

Għax fuq it-triq bejn Kajsarija Filisti u t-Tabor, xi sitt mili fil-Qibla jew Sud ta' Nazaret, hemm raħal li l-lum jismu Qafula, li fi żmien Ġesù kien jismu Qapla. Hawn hi l-imma. L-oriġinal kien fih miktub li Ġesù mar il-baħar tal-Galilija u għadda min-nofs **ħdud Qapla** (il-kelma **limti** fil-Palestina jgħidulha **ħdud**). Issa għid: "Ħdud Qapla", u tara kif jinstama' fil-widna xorta waħda bħal "Ħdud Dqapla". **Dqapla** hu Dekapli, kif kienu jgħidulha hemm. Mela l-iżball ittieħed mill-widna, meta xi ħadd kien jaqra u ħadd ieħor jikteb.

Hekk nistgħu nifhmu sewwa l-vjaġġ ta' Ġesù kif kien. Mill-Baħar tal-Galil, qabel bdiet ix-xitwa, mar mat-tliet Appostli lejn Sur u Sajda. Minn hemm rikeb fuq mirkeb u rħielha għal Ċipru. Minn Ċipru, fil-bidu tar-Rebbiegħa raġa' għal Palestina u niżel Kajsarija **Filisti,** wara l-qamar mimli ta' Adar (qisu wara l-għoxrin ta' Marzu). Minn Kajsarija, wara li strieħ ftit (għal hekk **wara sitt ijiem**), għadda qrib Qapla (24 mil) għal fuq it-Tabor (13-il mil oħra) għal Baħar tal-Galil (20 mil). Minn hemm wara xi jumejn telaq lejn Ġerusalem, għal Għid il-Kbir u l-Mewt.

*Elsie.*

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

*Kull waħad jgħanni ġimal ħababtu.* — (Kull ħadd ifaħħar il-ġmiel ta' dak li jħobb). Bil-Malti ngħidu wkoll: "Kull ħadd ifaħħar il-biegħa tiegħu". Qawl li ma jeħtieġx tifsir, għax dieher minnu fih.

*Ġaħel is-sittin, ma laħu din.* — (Iblaħ ta' sittin sena, hu bniedem bla karattru, bla ebda siwi). Għax jekk ma jkunx rabba l-għaqal sa sittin sena, ma jkunx hemm tama għalih, għax il-bluha taż-żgħużija tilħaq il-bluha tax-xjuħija.

*Il-mawt ma biddha sabab.* — (Il-mewt ma teħtieġ ħtija). Il-bniedem, u kull ħaj, jista' jmut għall-għarrieda, u b'ħaġa żgħira għall-aħħar; biż-żejjed li wieħed jixraq, biż-żejjed jaħbat naqra nagħsu, jew dan.